MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2009

Appell Civili Numru. 642/2007/1

**Korporazzjoni Enemalta**

**v.**

**Awtorita` ta' Malta dwar ir-Rizorsi u Attard Services Limited ghal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat tal-Korporazzjoni Enemalta, ipprezentat fit-13 ta' Gunju 2007, li jghid hekk:

"1. Illi fis-26 ta' Frar 2007, l-Awtorita` intimata, permezz ta' ittra indirizzata lil esponenti u ffirmata minn A.

Riolo, Chief Executive Officer (Dok. A) talbet lil esponenti taghti numru ta' informazzjoni b'referenza, kif gie komunikat fl-istess ittra, ghar-Resources Appeals Board Decision: Shell/ASL vs Malta Resources Authority.

"2. Illi l-esponenti qatt ma kienet parti fil-proceduri ta' appell li wasslu ghad-decizjoni li ghaliha saret referenza, izda lil esponenti rrizultala li fil-21 ta' Frar 2007, il-Bord ta' l-Appelli Dwar ir-Rizorsi fil-fatt ta decizjoni fl-ismijiet Attard Services Limited vs Awtorita` Ta' Malta dwar ir-Rizorsi (Dok. B), f'liema decizjoni isiru bosta konsiderazzjonijiet li jirrigwardjaw direttament lil esponenti u sahansitra l-konkluzjoni tolqotha direttament.

"3. Illi fl-ebda stadju tal-proceduri ta' appell li wasslu ghad-decizjoni msemmija ma nstemghet l-esponenti mill-Bord ta' l-Appelli Dwar ir-Rizorsi. L-esponenti ma nghatat l-ebda opportunita` taghmel is-sottomissjonijiet taghha dwar il-mertu ta' l-appell quddiem il-Bord ta' l-Appelli Dwar ir-Rizorsi, izda dan ta' l-ahhar xorta wahda ghadda biex ippronuncja ruhu u ddecieda l-mertu minkejja li kien sema` biss parti wahda interessata, u cioe` s-socjeta` intimata, u bl-ebda mod ma kien sema` lil esponenti, li bla dubju ghandha u kellha interess car u dirett fil-mertu u fl-eventwali decizjoni, li kif suespost tolqot lil esponenti bl-aktar mod dirett.

"4. Illi ghalhekk id-decizjoni tal-21 ta' Frar 2007 tal-Bord ta' l-Appelli Dwar ir-Rizorsi fl-ismijiet Attard Services Limited vs Awtorita` ta' Malta Dwar ir-Rizorsi (Appell Numru 001/2005) hija *ultra vires* peress illi fid-decizjoni u fil-proceduri li waslu ghaliha ma gewx osservati l-principji tal-gustizzja naturali jew htigijiet procedurali mandatorji.

"Ghaldaqstant jghidu l-konvenuti l-ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

"1. Tiddeciedi u tiddikjara, prevja ghal bzonn dikjarazzjoni li l-Bord tal-Appelli Dwar ir-Rizorsi naqas li josserva l-principji tal-gustizzja naturali jew htigijiet procedurali mandatorji fid-decizjoni tieghu u fil-proceduri

ta' quddiemu, li d-decizjoni tal-21 ta' Frar 2007 tal-Bord ta' l-Appelli Dwar ir-Rizorsi fl-ismijiet Attard Services Limited vs Awtorita` ta' Malta Dwar ir-Rizorsi (Appell Numru 001/2005) hija nulla, invalida, u minghajr effett fil-ligi, bl-ispejjez kontra l-intimati.

"B'riserva ghal kull azzjoni ghad-danni spettanti lil esponenti."

Rat ir-risposta tal-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Rizorsi (fol. 167) li in forza taghha ecepiet illi:

"1. Illi, billi t-talba rikorrenti hija diretta lejn id-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli Dwar ir-Rizorsi tal-21 ta' Frar, 2007, u cioe` dwar il-validita` o meno ta' din id-decizjoni, l-istess esponenti thoss, fic-cirkostanzi, li ghandha tirrimetti ruha ghas-savju gudizzju ta' dina l-Qorti.

"2. Illi in kwantu t-talba tal-hlas ta' l-ispejjez ta' dawn il-proceduri, l-esponenti topponi ghal din it-talba u dana ghall-istess raguni fuq indikat u cioe` li l-azzjoni odjerna mhix diretta lejn l-esponenti, fil-fatt ir-rikorrenti qed jattakka l-validita` o meno ta' decizjoni tal-21 ta' Frar, 2007 tal-Bord ta' l-Appelli.
"3. Salvi risposti ulterjuri."

Rat ir-risposta tas-socjeta` Attard Services Ltd (fol. 170) li in forza taghha ecepiet illi:
"Illi t-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra r-rikorrenti ghas-segwenti ragunijiet:

"1. Illi preliminarjament din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tistharreg id-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell Dwar ir-Rizorsi tal-21 ta' Frar 2007 u l-azzjoni hija intempestiva ghar-raguni li r-rimedji kontemplati fl-Artikolu 469A tal-Kap 12 li abbazi tieghu hu msejjes ir-rikors odjern mhumiex applikabbli f'dal kaz stante li huma espressament eskluzi bis-sub-artikolu (4) ta' l-istess artikolu.

“2. Illi l-imsemmi sub-artikolu (4) jipprovdi li d-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 469A ma ghandhomx japplikaw meta l-mod ta’ kontestazzjoni jew ta’ ksib ta’ rimedju jigi provdut dwaru f’xi ligi ohra.

“3. Illi l-Artikolu 35 ta’ l-Att dwar l-Awtorita` ta’ Malta Dwar ir-Rizorsi (Kap 423) jipprovdi rimedju specifiku ghal persuna li thoss ruhha aggravata b’decizjoni tal-Bord ta’ l-Appelli Dwar ir-Rizorsi. Dan l-artikolu jipprovdi ghal dritt ta’ appell quddiem il-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fuq punt ta’ ligi fi zmien tletin gurnata minn meta d-decizjoni tal-Bord tkun giet innotifikata lil dik il-persuna. Jirrizulta mir-rikors promutur tal-Korporazzjoni Enemalta li din giet notifikata bid-decizjoni tal-Bord fis-26 ta’ Frar 2007 u ghaldaqstant ir-rikorrenti kellha kull opportunita` li tutilizza tali procedura disponibbli lilha billi tintavola *appello del terzo* ai termini ta’ l-Artikolu 236 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, u naqset li tinqeda b’dan ir-rimedju specjali u qed tipprova issa tissana dan in-nuqqas taghha permezz tar-rikors odjern.

“4. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-azzjoni kif proposta hija nulla wkoll peress li l-kawza hija ntiza sabiex din l-Onorabbli Qorti tistharreg l-ghemil amministrattiv tal-Bord ta’ l-Appelli Dwar ir-Rizorsi u ghaldaqstant il-kawza kellha tkun proposta kontra l-Bord u mhux kontra l-Awtorita` ta’ Malta Dwar ir-Rizorsi.

“5. Illi ghar-raguni suesposta t-talba tar-rikorrenti qatt ma tista’ tkun ammissibbli stante li l-ebda wiehed miz-zewg intimati ma huwa f’pozizzjoni li jannulla sentenza tal-Bord ta’ l-Appelli dwar ir-Rizorsi. Potenzjalment l-ammissjoni ta’ l-Awtorita` intimata fil-proceduri odjerni tkun ekwivalenti ghat-thassir indirett tas-sentenza tal-Bord ta’ l-Appell tal-21 ta’ Frar 2007.

“6. Illi fil-mertu ma hemm xejn irregolari fil-procedura adoperata mill-Bord ta’ l-Appelli dwar ir-Rizorsi u ma hemm l-ebda ksur tal-principji tal-gustizzja naturali jew htigijiet procedurali mandatorji.

"7. Illi qabel waslet ghad-decizjoni taghha tad-9 ta' Gunju 2005 l-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Rizorsi kienet talbet lill-Korporazzjoni Enemalta ghall-pozizzjoni taghha u kkunsidrat is-sottomissjonijiet taghha flimkien ma' dawk tas-socjeta` intimata odjerna. L-Awtorita` intimata kienet qieghda taqdi biss id-dmirijiet taghha skond il-Ligi u l-Korporazzjoni rikorrenti ma ghandhiex dritt fil-Ligi li tkun parti minn decizjoni amministrattiva sempliciment ghaliex taffettwa lilha.

"8. Illi l-Bord ta' l-Appell dwar ir-Rizorsi intalab jannulla d-decizjoni ta' l-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Rizorsi u in segwitu tiddikjara illi l-appellanti mhux qed jinghataw access ghall-infrastruttura ta' l-Enemalta b'mod li jirrispetta l-htiega ta' kompetizzjoni gusta u l-provvedimenti ta' l-Avviz Legali 66/2003 tad-Direttiva 96/67 u li tistabbilixxi l-mekkanizmi li bihom kellu jigi stabbilit il-prezz ghall-attivita` in kwistjoni, kif kienet intalbet taghmel l-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Rizorsi fit-termini tas-setghat moghtija lilha mil-Ligi fil-qadi tal-funzjonijiet taghha.

"9. Illi l-Korporazzjoni Enemalta kienet konsapevoli minn dawn il-proceduri sa mill-bidu nett u kellha kull opportunita` li tintervjeni ai termini ta' l-Artikolu 960 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta bhala persuna interessata fl-ezitu tal-proceduri kemm quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar ir-Rizorsi kif ukoll quddiem il-Qorti ta' l-Appell u taghmel is-sottomissjonijiet taghha izda ghazlet li tibqa' estranja ghal dawn il-proceduri u qed tilmenta minnhom issa f'dan l-istadju meta waslu fl-ahhar stadji taghhom sabiex jigi determinat id-dritt li rebhet is-socjeta` intimata odjerna snin ilu li topera fil-qasam tar-*refuelling* ta' l-ajruplani fl-ajruport internazzjonali ta' Malta.

"10. Salv eccezzjonijiet ohra permessi bil-Ligi."

Rat is-sentenza preliminari moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Frar 2009 li in forza taghha cahdet l-ewwel hames eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta Attard Services Ltd, bl-ispejjez riservati ghall-gudizzju finali;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet;

*“**C1. L-ewwel eccezzjoni – nuqqas ta’ gurisdizzjoni tal-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 469A(4):***

“Illi gie deciz li l-partijiet jipprezentaw in-noti ta’ l-osservazzjonijiet taghhom dwar l-ewwel hames eccezzjonijiet tas-socjeta` intimata u li l-Qorti tiddeciedi dwarhom.

“Illi dan il-kaz jittratta l-possibbilta` ta’ azzjoni ghal stharrig gudizzjarju ta’ ghemil amministrattiv. Illi l-Korporazzjoni rikorrenti sostniet li giet avversament milquta minn decizjoni mill-Bord ta’ l-Appelli dwar ir-Rizorsi, li nghatat fil-21 ta’ Frar 2007, fl-ismijiet Attard Services Limited vs Awtorita` ta’ Malta dwar ir-Rizorsi, fejn il-Korporazzjoni rikorrenti ma kienitx parti f’din il-kawza u ghalhekk qed tipprova timpunjaha.

“Min-naha l-ohra, is-socjeta` intimata Attard Services Limited eccepiet li din l-azzjoni hija intempestiva stante li dan ir-rikors mhux applikabbli ai termini ta’ l-Artikolu 469A(4) li jipprovdi li d-dispozizzjonijiet ta’ l-Artikolu 469A m’ghandhomx japplikaw meta jkun hemm ksib ta’ rimedju provdut f’ligi ohra. Illi gie citat l-Artikolu 35 ta’ l-Att Dwar l-Awtorita` ta’ Malta dwar ir-Rizorsi (Kap 423). Dan l-artikolu jipprovdi rimedju specifiku ghal persuna li thoss ruhha aggravata b’decizjoni tal-Bord ta’ l-Appelli dwar ir-Rizorsi, u l-istess artikolu jipprovdi ghal dritt ta’ appell quddiem il-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fuq punt ta’ ligi fi zmien tletin jum minn meta d-decizjoni tkun notifikata lil dik il-persuna. Gie eccepit ukoll li dan il-kaz kellu jkun propost kontra l-Bord u mhux kontra l-Awtorita` ta’ Malta dwar ir-Rizorsi. Ghaldaqstant sostnew li l-kawza odjerna hija nulla.

“L-Artikolu 469A(4) tal-Kap 12 jghid hekk:

“Id-disposizzjonijiet ta’ dan l-artikolu ma ghandhomx japplikaw meta l-mod ta’ kontestazzjoni jew ta’ ksib ta’

rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jigi provdut dwaru f'xi ligi ohra."

"Illi l-eccezzjoni mressqa mis-socjeta` intimata hija msejsa fuq ic-cahda tal-gurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati fejn il-mod tal-kontestazzjoni jew fejn il-ksib tar-rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem Qorti jew Tribunal jigi provvdut dwaru f'xi ligi ohra. Din il-limitazzjoni tikkostitwixxi eccezzjoni ghar-regola generali ta' l-Artikolu 469A li biha l-Qrati ghandhom is-setgha li jistharrgu ghemil amministrattiv.

"F'dan il-kuntest ta' min isemmi li ladarba l-artikolu 469A(4) huwa eccezzjoni ghar-regola li l-Qrati ghandhom gurisdizzjoni. Kif inghad fil-gurisprudenza nostrana, l-eskluzjoni tal-gurisdizzjoni tal-Qrati li jistharrgu ghemil amministrattiv ghandha tkun gustifikata biss jekk il-Qorti tkun sodisfatta li fil-prattika, persuna kellha rimedju effikaci u xieraq disponibbli ghaliha u hija naqset li tirrikorri ghalih bla raguni tajba.

"Dan il-principju gie ribadit fil-kawza fl-ismijiet **Bunker Fuel Oil Company Limited vs Paul Gauci u Planning Authority** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Mejju 1998. Illi fil-fatt l-aspetti li jemanu minn din id-decizjoni u li tajjeb li jigu sottolineati huma:

""(1) Fil-fehma tal-Qorti, dan is-sub-artikolu (4) ta' l-Artikolu 469A, biex jigi interpretat gustament, m'ghandux jinghata interpretazzjoni restrittiva. L-eskluzjoni tal-gurisdizzjoni tal-Qorti, biex tistharreg l-ghemil amministrattiv, tkun gustifikata biss jekk il-Qorti tkun sodisfatta li, fil-prattika, persuna kellha rimedju effikacu u adegwat verament disponibbli ghaliha u hija irragonevolment ma utilizzatx tali proceduri disponibbli.

"(2) Fil-fehma tal-Qorti, ladarba l-gurisprudenza kostanti tal-Bord kienet teskludi persuni mid-dritt ta' appell quddiemu, jekk dawn ma keinux applikanti, allura jsegwi li l-appellanti ma ghamlu xejn hazin li segwew din il-gurisprudenza.

“(3) Mill-perspettiva mbaghad li huma ma kienux jafu bid-decizjoni ta’ l-Awtorita` u ghalhekk, ma kienux in grad li jressqu l-oggezzjoni taghhom fiz-zmien statutorju utili, argument dan ukoll sollevat mill-atturi odjerni, dik il-Qorti fis-sentenza citata rrimarkat li r-rimedju prospettat kien fid-dati cirkostanzi wiehed li teoretikament u potenzjalment biss kien disponibbli u fil-prattika ta’ kif sehhew il-fatti rilevanti l-appellanti ma kellhom l-ebda rimedju effikaci.”

“(Ara wkoll sentenza fl-ismijiet **Joseph Muscat et vs Chairman ta’ l-Awtorita` tad-Djar et** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta’ Jannar 2004).

“Fil-kawza **Tat-Taljan Co. Ltd vs Awtorita` ta’ l-Ippjanar et** deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fit-2 ta’ Novembru, 2001 [LXXXV-I-II-388] il-Qorti kienet qalet li:

““Minn dawn il-posizzjonijiet manifestament kontrastanti dwar l-interpretazzjoni tal-ligi specjali li tirregola l-ippjanar, kellu jkun aktar minn ovvju illi l-kontestazzjoni bejn il-kontendenti kien proprju dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta’ din il-ligi. Materji dawn li indubbjament jaqghu fil-kompetenza esklussiva fl-ewwel lok tal-Bord ta’ l-Appelli dwar l-Ippjanar imwaqqaf b’dik il-ligi specjali u ultimament tal-Qorti ta’ l-Appell li ghandha gurisdizzjoni esklussiva illi tiddetermina l-appelli mill-punti ta’ dritt decizi mill-istess Bord li jigu lilha riferta. Certament l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-ligi f’dan il-kaz, ma kienitx materja illi kellha fl-ewwel lok tigi sottomessa a gudizzju tal-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jigux minn xi parti attakkati, bhala mhux skond il-Kostituzzjoni, l-ligi u regolarment li in forza taghha tkun agixxiet l-Awtorita`. L-applikazzjoni korretta tal-ligi prezunta bhala kostituzzjonalment korretta u maghha konformi kienet materja li taqa’ qabel xejn fil-kompetenza tal-Qrati Ordinarji.”

“Il-Qorti kkonfermat id-decizjoni tal-Prim Istanza biex tiddeklina milli tkompli tisma’ l-kawza stante li kien ghad hemm rimedji ordinarji quddiem il-Bord ta’ l-Appelli dwar l-

Ippjanar jew Qrati Ordinarji skond l-Artikolu 469A tal-Kap 12.

“F’dan l-aspett hu importanti li wiehed isemmi dak li gie deciz fil-kawza deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta’ Jannar 2004, fl-ismijiet **Joseph Muscat et vs Chairman ta’ l-Awtorita` tad-Djar et** (Cit. 1447/96PS):

““(1) Fil-fehma tal-Qorti, dan is-sub-artikolu (4) ta’ l-Artikolu 469A, biex jigi interpretat gustament, m’ghandux jinghata interpretazzjoni restrittiva. L-eskluzjoni tal-gurisdizzjoni tal-Qorti, biex tistharreg l-ghemil amministrattiv, tkun gustifikata biss jekk il-Qorti tkun sodisfatta li, fil-prattika, persuna kellha rimedju effikaci u adegwat verament disponibbli ghaliha u hija irragonevolment ma utilizzatx tali proceduri disponibbli.”

“(Ara wkoll **Fish & Fish Ltd u Malta Fishfarming Ltd vs Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjet u l-Ippjanar et** deciza minn din l-istess Qorti fit-30 ta’ April 2007).

“F’dan l-istadju huwa utli li wiehed jezamina l-Kap 423 Artikolu 36 li jghid:

“Parti f’appell quddiem il-Bord ta’ l-Appell li thoss ruhha aggravata b’decizjoni tal-Bord ta’ l-Appelli, jew l-Awtorità jekk din thoss ruhha mhux sodisfatta b’xi decizjoni bhal dik, tista’ fuq punt ta’ ligi tappella quddiem il-Qorti ta’ l-Appell kif maghmula skond l-Artikolu 41(6) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili permezz ta’ rikors li jigi pprezentat fir-registru ta’ dik il-qorti, fil-kaz ta’ appell mill-Awtorità fi zmien tletin gurnata minn meta l-Bord ta’ l-Appelli jaghti d-decizjoni tieghu, u fil-kaz ta’ xi persuna ohra fi zmien tletin gurnata minn meta dik id-decizjoni tkun giet lilu notifikata.”

“Minn dan jirrizulta b’mod car li biex wiehed ikollu d-dritt jipprezenta appell minn decizjoni tal-Bord ta’ l-Appelli, irid ikun jew:

“i) parti fil-proceduri, jew

“ii) l-Awtorita` stess

“Jigi rilevat li hawn il-kawza giet istitwita mill-Korporazzjoni Enemalta li la kienet parti fil-kawza u anqas hija l-Awtorita`, ghax l-Enemalta saret taf b’dawn il-proceduri biss meta giet prezentata kopja tas-sentenza relattiva. Minn dan johrog car li l-Korporazzjoni Enemalta ma setghetx taghmel appell u ghalhekk ma kienx jezisti d-dritt ta’ appell ghaliha taht l-Artikolu 36, b’dan li r-rimedju taghha kien propju l-proceduri odjerni.
“F’dan l-istadju l-Qorti tirreferi wkoll ghad-decizjoni fl-ismijiet **R.J.C. Caterers Limited vs General Workers’ Union et**, Citazz. Numru 1022/06AF deciza fid-9 ta’ Ottubru 2007 fejn il-kaz kien jirrigwarda allegat nullita` ta’ decizjoni tat-Tribunal Industrijali minhabba li allegatament kienet tmur kontra l-principji tal-gustizzja naturali. F’dan il-kaz l-intimati kienu qed isostnu li d-dritt ta’ appell kellu jkun skond l-Artikolu 82 tal-Kap 452. F’dan il-kaz il-Qorti qalet:

““Madanakollu, ir-rikorrent bil-proceduri odjerni m`huwiex qieghed jinterponi appell. Qieghed jagixxi a tenur tal-Art. 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta li jipprovdi ghall-istharrig ta` ghemil amministrattiv.

“Il-Qorti hi tal-fehma li d-dritt limitat ta` appell li tipprovdi l-ligi dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali ma jipprekludi bl-ebda mod id-dritt ta` din il-Qorti li tissindika l-operat tal-istess Tribunal f`materja ta` gustizzja naturali.”

“Ukoll, fil-kawza ta’ din il-Qorti presjeduta mill-Onor. Imahllef Dr. T. Mallia fl-ismijiet **Salon Services Limited vs Elaine Dimech** (Citazzjoni Numru 5/02) deciza fit-13 ta' Novembru, 2003 intqal:

““L-ewwelnett, tajjeb li jigi carat li kif osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha fil-kawza “**Eden Leisure Group vs Borg D’Anastasi**”, moghtija fis-27 ta’ Gunju, 2003, “Illum hu car li l-Qorti Civili tista’ tissindika l-operat ta’ kwalsiasi Tribunal amministrattiv, l-ewwelnett biex tassigura li l-principji ta’ gustizzja naturali huma osservati, u t-tieni biex tassigura li ma kienx hemm xi

enunzjazzjoni hazina jew inkompleta ta' l-ipotesi tal-ligi, u dana minghajr ma tipprova b'xi mod tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dak tat-Tribunal." Pronunzjament fuq l-istess linji kien inghata minn din il-Qorti fil-kawza "Power Projects Ltd vs Agius", deciza fis-16 ta' Gunju, 2003.

"Il-principju ta' gustizzja naturali huma, zgur, tnejn, u dak invokat mis-socjeta` attrici huwa dak ta' "*audi alteram partem".*

"Il-principju "*audi alteram partem"* huwa principju fundamentali mixhut fuq kull min gie mghoni b'poter li jiddeciedi. L-awtur S.A. de Smith fil-ktieb "Constitutional and Administrative Law" (Penguin Books, 3rd Edit.) jghid, a pagna 564, li dan il-principju, *"Is the more interesting and important rule of natural justice. In its crudest form, it means that nobody shall be penalized by a decision of a court or tribunal unless he has been given (a) prior notice of the charge or case he has to meet, and (b) a fair opportunity to answer the case against him and to put his own case".* Fil-kawza famuza ingliza "Ridge vs Baldwin, deciza mill-House of Lords fl-1964, intqal li d-dritt ghall-smiegh xieraq "*is a rule of universal application"*, u Lord Loreburn, fil-kawza "Board of Education vs Rice", deciza wkoll mill-House of Lords fl-1911, kien qal li d-dover li jaghti smiegh xieraq hu impost "*upon every one who decides anything"*.

"Din il-Qorti fil-kawza importanti "**Sammut vs Bell McCance**", decida [recte: deciza] fid-29 ta' Mejju, 1946 (Kollez. Vol. XXXII.II.350), osservat hekk fuq din ir-regola:

""Ir-regola "*audi alteram partem*" ghandha tigi skrupolazament osservata, u l-partijiet ghandhom id-dritt li jkunu presenti fl-investigazzjonijiet li jaghmel il-delegat tal-Board, biex ikunu jistghu jikkontrollaw l-informazzjoni li jigu moghtija lil dak id-delegat ghall-finijiet ta' dik l-investigazzjoni. Il-vjolazzjoni tar-regola "audi alteram partem" taghti lok ghas-sindikat tal-Qrati ordinarja, li jistghu, anzi ghandhom jirritjenu null dak li jkun sar in konsegwenza tal-vjolazzjoni. Din ir-regola "*audi alteram*

*partem*" hija regola ta' gustizzja naturali u bhala tali hija ta' interess pubbliku, u ghalhekk ma hix rinunzjabbli "per impliciter" billi jinghad illi kien hemm akkwijexxenza mill-parti li giet pregudikata bil-vjolazzjoni ta' dik ir-regola."

"Tant hu importanti dan il-principju, li r-regola li n-nullita' ta' sentenza m'ghandhiex tigi attiza jekk is-sentenza tkun sostanzjalment gusta, hi meqjusa li ma tapplikax f'kaz ta' vjolazzjoni ta' dan il-principju. Lord Wright fil-kawza ingliza, "**General Medical Council vs Spackman**", deciza mill-*House of Lords* fl-1943 osserva:

*""If the principles of natural justice are violated in respect of any decision it is, indeed, immaterial whether the same decision would have been arrived at in the absence of the departure from the essential principles of justice. The decision must be declared to be no decision*."

"Illi ghalhekk l-argument tas-socjeta` intimata Attard Services Limited li l-Artikolu 35 tal-Kap 423 jipprovdi rimedju specifiku ghal persuna li thoss ruhha aggravata b'decizjoni tal-bord ta' l-Appelli dwar ir-Rizorsi fi zmien 30 gurnata min-notifika ma jregix minhabba l-Artikolu 36 tal-Kap 423. Ukoll ta' min isemmi l-Artikolu 237 tal-Kap 12 li jghid:

"Is-sentenza ma tista' tkun qatt ta' hsara ghal min, la huwa nnifsu u lanqas bil-mezz ta' l-awturi jew ta' rapprezentant legittimu tieghu, ma jkunx parti fil-kawza maqtugha b'dik is-sentenza."

"Il-Qorti tqis ukoll l-importanza fundamentali tal-principju *audi alteram partem* u ghal dawn il-motivi tichad l-ewwel eccezzjoni.

*"**C2. It-tieni eccezzjoni – Li d-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 469A mhux applikabbli meta hemm provvdut rimedju iehor f'ligi ohra:***

"Is-socjeta` intimata ssostni li d-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 469A m'ghandhomx ikunu applikabbli u dan minhabba l-fatt li l-imsemmi sub-artikolu 4 tieghu

jispecifika b'mod car li dawn id-dispozizzjonijiet m'ghandhomx japplikaw meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem Qorti jew Tribunal jigi provvdut dwaru f'xi ligi ohra.

"Izda l-Qorti thoss li ghar-ragunijiet imsemmija taht "C1" hawn fuq u b'mod specifiku minhabba l-Artikolu 36 tal-Kap 423, tali eccezzjoni ma tistax tigi milqugha u ghalhekk qed tigi michuda.

*"**<u>C3. It-tielet eccezzjoni – Li l-Artikolu 35 tal-Kap 423 jipprovdi rimedju specifiku:</u>***

"Hawn ukoll il-Qorti qed tichad din l-eccezzjoni minhabba dak li qalet taht "C1" hawn fuq u l-Artikolu 36 tal-Kap 423 li ma jaghmilx sens li joqghodu jigu ripetuti.

*"**<u>C4. Ir-raba' eccezzjoni – Nullita` ta' l-azzjoni kif proposta:</u>***

"Is-socjeta` intimata ssostni li l-azzjoni kif proposta hija nulla peress li l-kawza hija intiza sabiex din il-Qorti tistharreg ghemil amministrattiv tal-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rizorsi u ghaldaqstant il-kawza kellha tkun proposta kontra l-Bord u mhux kontra l-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Rizorsi. Is-socjeta` intimata ssostni li r-rikors odjern huwa intiz biex jattakka l-ghemil amministrattiv tal-Bord ta' l-Appelli u li tali Bord huwa indipendenti u li ghalhekk ma kellhiex tigi mharrka l-Awtorita`. Dan issostnih minhabba l-anomalija li l-Awtorita` qed tigi mitluba tiddefendi decizjoni li fil-fehma tas-socjeta` intimata qed tattakka. L-imsemmija socjeta` ssostni ghalhekk li gie mharrek l-intimat zbaljat.

"Tali eccezzjoni hija kontestata mill-Korporazzjoni rikorrenti. Interessanti huwa li fid-decizjoni fuq imsemmija **Salon Services Limited vs Elaine Dimech** kien qed isir stharrig dwar id-decizjoni u l-agir tat-Tribunal, izda tali Tribunal ma giex imharrek fil-kawza.

"Fl-imsemmija sentenza hareg car li Qorti tista' tistharreg l-ghemil amministrattiv ta' Bord jew Tribunal, minghajr ma dan il-Bord jew Tribunal ikun parti fil-kawza. Ara wkoll f'dan ir-rigward **Sammut vs Bell McCance** tad-29 ta' Mejju 1946.

"Forsi l-Qorti tista' zzid li meta parti f'kawza normali tal-Prim Awla tmur quddiem Qorti ta' l-Appell qatt ma ticcita lill-Prim Awla stess izda dejjem lill-parti l-ohra. Ukoll f'kazijiet fejn fil-fehma tal-parti jkun hemm xi haga li mhux suppost kienet, jigi mharrek jew ir-Registratur tal-Qorti, jew l-Avukat Generali skond il-kaz, izda mhux il-Qorti.

"Ghal dawn il-motivi wkoll tichad ir-raba' eccezzjoni.

*"__C5. Il-hames eccezzjoni – L-intimati mhux f'pozizzjoni li jannullaw sentenza tal-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rizorsi:__*

"Is-socjeta` intimata sostniet li l-mod kif giet intavolata l-kawza jista' possibbilment iwassal ghal manipolazzjoni ta' decizjoni billi l-intimati jammettu t-talba, li fil-verita` jkun qed jirrevoka sentenza valida. Hawnhekk ukoll il-Qorti thoss li ghandha tichad din l-eccezzjoni minhabba li kif intqal fis-"C4" il-Qorti hija awtorizzata li tinvestiga decizjonijiet ta' bordijiet u tribunali meta dawn ma jigux imharrka. Certament li decizjoni ta' Qorti awtorizzata a tenur ta' l-Artikolu 469A ghandha gurisdizzjoni tistharreg validita` ta' ghemil amministrattiv u li tiddikjara tali ghemil null, invalidu jew minghajr effett u ghalhekk m'hemmx bzonn dak allegat fil-hames eccezzjoni. Ghal dan il-motiv tichad ukoll din l-eccezzjoni."

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` Attard Services Ltd li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha tannulla s-sentenza tal-ewwel Qorti in kwantu cahdet l-ewwel hames eccezzjonijiet tas-socjeta` appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati;

Rat ir-risposta tal-appell tal-korporazzjoni attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, issottomettiet li

s-sentenza appellata hija gusta u timmerita li tigi konfermata;

Semghet lid-difensuri ta' whud mill-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi dawn il-proceduri huma intizi biex il-qrati Maltin jisthargu gudizzjarjament il-valdita` ta' decizjoni moghtija mill-Bord tal-Appelli dwar ir-Rizorsi fil-21 ta' Frar 2007. Il-materja quddiem dak il-Bord kienet tinvolvi lment dwar access ghad-depot ta' *fuel* fl-ajruport ta' Malta li s-socjeta` Attard Services Ltd ressqet lill-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Rizorsi, u wara li l-ilment taghha gie michud mill-Awtorita` fid-9 ta' Gunju 2005. Il-Bord tal-Appelli kien irrevoka d-decizjoni tal-Awtorita`, laqgha l-ilment tas-socjeta` Attard Services Ltd u fid-decizjoni tieghu ta s-segwenti 'direzzjoni' lill-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Rizorsi:

"……il-Bord, filwaqt li jilqa' l-appell interpost mill-appellanti, qed jannulla d-decizjoni tal-Awtorita`, u fid-dawl tar-rizultanzi msemmija, senjatament illi l-prezz kwotat mill-Korporazzjoni Enemalta huwa *'a constructive refusal to grant access'* billi huwa prima facie eccessiv u diskriminatorju, jew inkella qed jghaddi inefficjenzi tal-Korporazzjoni ingustament fuq l-appellanti, jidderiegi lill-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Rizorsi, sabiex, minnufih tordna lill-Korporazzjoni Enemalta sabiex, mhux iktar tard minn xahar mil-lum, din tipprezenta *segregated accounts* li juru x'inhuma l-ispejjez veri konnessi ma' l-infrastruttura in kwistjoni, tikkompara dawn l-ispejjez ma' operazzjonijiet simili f'pajjizi ohrajn, partikolarment pajjizi zghar, fejn mhux dejjem l-*economies of scale* jkunu favorevoli daqs dawk ta' pajjizi kbar, tordna li fl-istess zmien il-Korporazzjoni Enemalta taghti kull gustifikazzjoni dettaljata dwar il-prezz minnha s'issa mitlub, u tidderiegi lill-istess Awtorita` li mhux iktar tard minn tlett xhur mil-lum, tistabilixxi l-prezz gust ta' din l-operazzjoni, u taghti ragunijiet dettaljati lill-partijiet li jispjegaw id-decizjoni

taghha. Imbaghad wara li tkun hadet kont ta' din l-informazzjoni hekk migbura, tasal biex hi stess, jew xi entita` ohra kompetenti fil-qasam finanzjarju/ekonomiku ghan-nom taghha, twettaq fi zmien tlett xhur wara li tkun ingabret l-informazzjoni msemmija, l-imsemmi l-**Analysis of the cost-based and pricing structure of the Aviation Fuel Operations** u tistabilixxi il-prezz gust ghas-servizzi mitlubin mill-appellant sabiex dan ikun jista' jibda jopera bhala t-tieni *operator* fit-tqassim tal-*fuel* ghall-avjazzjoni fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta."

Wara din id-decizjoni, l-Awtorita` in kwistjoni ressqet appell quddiem din il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), li b'sentenza tad-9 ta' Jannar, 2008 irrespingiet l-appell tal-Awtorita` ghax qieset li fil-meritu ma rravvizatx "punt ta' dritt", dwar liema l-ligi (l-att dwar Awtorita` ta' Malta dwar ir-Rizorsi, Kap 423 tal-Ligijiet ta' Malta) ritwalment takkorda d-dritt tal-appell skond l-Artikolu 35 tal-imsemmi Att.

Fid-dawl tad-'direzzjoni' moghti mill-Bord tal-Appelli dwar ir-Rizorsi, l-Awtorita` harget ordni lill-Korporazzjoni Enemalta biex din tikkomforma ruhu ma' dak li talab il-Bord tal-Appelli. Peress li l-Korporazzjoni Enemalta ma kienitx parti f'dawk il-proceduri fejn gew mistharga l-ilmenti tas-socjeta` Attard Services Ltd, l-imsemmija Korporazzjoni ressqet din il-kawza biex titlob dikjarazzjoni li d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli tal-21 ta' Frar 2007, hija *ultra vires* u invalida peress li fil-proceduri li waslu ghaliha ma gewx osservati l-principji tal-gustizzja naturali jew htigijiet procedurali mandatorji.

In linea preliminari s-socjeta` Attard Services Ltd ecepiet illi l-Korporazzjoni attrici mhix intitolata titlob stharrig gudizzjarju tad-decizjoni impunjata, peress li skond l-Att dwar l-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Rizorsi hi setghet tressaq *appello del terzo* fuq punt ta' dritt ghal quddiem din il-Qorti, Sede Inferjuri, u allura fit-termini tal-Artikolu 469A(4) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12), la darba l-mod ta' kontestazzjoni jew ksib ta' rimedju hu provdut f'ligi, il-procedimenti tal-ligi li jipprovdu ghal stharrig gudizzjarju ma japplikawx.

Hi ilmentat ukoll li, f'kull kaz, l-azzjoni messa saret kontra l-Bord tal-Appelli dwar ir-Rizorsi u mhux kontra l-partijiet fil-kwistjoni.

L-ewwel Qorti, fis-sentenza preliminari taghha, cahdet l-eccezzjonijiet kollha li ressqet is-socjeta` Attard Services Ltd in meritu ghal dawn il-punti preliminari, wara li qieset, fil-qosor, li l-kawza saret tajba kontra l-partijiet u mhux kontra l-Bord jew Tribunal li emana d-decizjoni, u li l-Korporazzjoni attrici ma setghetx taghmel appell quddiem din il-Qorti, Sede Inferjuri, a bazi tal-Artikolu 36 tal-imsemmi Kap. 423, u li ghalhekk ir-rimedju taghha kien proprju l-proceduri odjerni.

Is-socjeta` Attard Services Ltd ressqet appell minn din is-sentenza bl-aggravji jkunu fir-realta` aggravju wiehed, u cioe` li minn qari tal-Artikolu 36 tal-Kap. 423 kellu jirrizulta car li l-Korporazzjoni Enemalta setghet, kieku riedet, resqet appell kontra d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Rizorsi.

Fuq dan il-punt, din il-Qorti tosserva li filwaqt li hu veru li, b'mod generali, il-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili jippermetti fl-Artikolu 236 *appello del terzo* jekk jirrikorru certi kundizzjonijiet, meta ligi specjali tirregola hi dan id-dritt ta' appell, ir-referenza trid issir ghal dak li tipprovdi l-ligi specjali u mhux aktar ghar-regola generali. Issa f'dan il-kaz l-Artikolu 36 tal-Kap. 423 jipprovdi hekk dwar id-dritt ta' appell:

"36. Parti f'appell quddiem il-Bord ta' l-Appelli li thoss ruhha aggravata b'decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli, jew l-Awtorita` jekk din thoss ruhha mhux sodisfatta b'xi decizjoni bhal dik, tista' fuq punt ta' ligi tappella quddiem il-Qorti tal-Appell kif maghmula skond l-Artikolu 41(6) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili permezz ta' rikors li jigi pprezentat fir-registru ta' dik il-Qorti, fil-kaz ta' appell mill-Awtorita` fi zmien tletin gurnata minn meta l-Bord tal-Appelli jaghti d-decizjoni tieghu, u fil-kaz ta' xi persuna ohra fi zmien tletin gurnata minn meta dik id-decizjoni tkun giet lilu notifikata."

Hu car hawnhekk li d-dritt tal-appell ghall-quddiem din il-Qorti, Sede Inferjuri, hu moghti biss lil min kien "parti" quddiem il-Bord tal-Appelli u lill-Awtorita`, u hadd aktar m'ghandu dritt jappella minn decizjoni tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Rizorsi. Ir-riferenza ghal "xi persuna ohra" fl-ahhar parti ta' dan il-provvediment, hija ghall-partijiet quddiem il-Bord tal-Appelli eccetwata l-Awtorita`, u mhux ghal xi terz interessat. Dan l-artikolu, fit-tieni parti tieghu, jispecifika t-terminu ta' tletin gurnata ghall-prezentata tal-appell, u jipprovdi li, filwaqt li ghall-Awtorita` t-terminu jibda jghaddi mis-sentenza, f'kaz ta' persuna ohra - li jrid jkollha dritt ta' appell - it-terminu jibda jghaddi min-notifika lilha tad-decizjoni. Kwindi l-Korporazzjoni Enemalta, la darba ma kienitx "parti" fil-proceduri quddiem il-Bord tal-Appelli, ma kelliex dritt li tappella ghal quddiem din il-Qorti, u allura ma japplikax ghaliha il-provediment tal-Artikolu 469A(4) tal-Kap. 12.

Wiehed jista' jargumenta li l-Korporazzjoni attrici kien imissa dahlet bhala parti meta l-kaz kien qed jigi mistharreg quddiem il-Bord tal-Appelli dwar ir-Rizorsi. Il-ligi in kwistjoni, pero`, ma tipprovdix ghall-pubblikazzjoni tal-kazijiet li jitressqu ghall-konsiderazzjoni tal-Awtorita`, kif, per ezempju isir bl-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp (Kap. 356), li jipprovdi ghal avviz pubbliku ta' kull applikazzjoni li titressaq quddiem dik l-Awtorita`, b'mod li kull min ikun interessat jista' jsir "parti" fil-process ta' aggudikazzjoni tal-applikazzjoni. Kwindi ma jistax jinghad li l-fatt li hi ma kienitx "parti" f'dawn il-proceduri kien rizultat ta' xi nuqqas taghha.

Lanqas ma jista' jinghad li hi messa appellat id-decizjoni tal-Awtorita` ghal quddiem il-Bord tal-Appelli tar-Rizorsi fit-terminu tal-Artikolu 34 tal-Kap. 423, li jaghti dan id-dritt lill-"kull persuna li thoss ruhha aggravata" (ara, ghall-interpretazzjoni wiesgha ta' dan il-kuncett, id-decizjoni ta' din il-Qorti fil-kawza **Attard Montaldo et v. Chairman tal-Awtorita` tal-Ippjanar**, moghtija fid-19 ta' Awwissu 1996). Dan peress li, fl-ewwel lok, id-decizjoni tal-Awtorita` ma kienitx kontra l-interessi taghha u hi allura ma kienitx "parti sokkombenti", u fit-tieni lok, ma jidhirx mill-atti li giet

avzata la bil-proceduri u lanqas bid-decizjoni peress li ma kienitx “parti”. Il-Korporazzjoni attrici giet notifikata biss mid-decizjoni li ta l-Bord tal-Appelli dwar ir-Rizorsi, pero`, f’dak l-istadju kien tard wisq biex tista’ tissejjah “parti” fil-proceduri inizjati mis-socjeta` Attard Services Ltd.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mis-socjeta` Attard Services Ltd billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez in prim istanza jibqghu riservati, waqt li dawk ta’ din il-procedura quddiem din il-Qorti jithallsu mis-socjeta` appellanti Attard Services Limited.

Tordna li l-atti jigu rinvjati lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni tal-kawza skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------